MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 11/2008

**Joseph Mercieca**

**vs**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Lulju, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza preliminari fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal Industrijali,
>
> ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet,
>
> ra d-dokumenti esebiti,
>
> ra jekk l-appellant kienx taht kuntratt definit jew indefinit,

Jiddikjara illi l-appellant kien taht kuntratt ghal zmien indefinit."

Sussegwentement u cjoe fit-22 ta' Settembru, 2008 it-Tribunal Industrijali ddecieda l-kaz permezz tas-segwenti decizjoni:-

"Introduzzjoni

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f' isem Joseph Mercieca mill-Avv Andrew Borg Cardona fejn qieghed jghid illi l-agir ta' l-intimati ma tistax titqies ragjonevoli u t-tkeccija ghalhekk mhix skond il-ligi.

Is-Sur Joseph Mercieca aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv Andrew Borg Cardona. Il-Water Services Corporation li aktar 'il quddiem tissejjah is-socjeta kienet rapprezentata mill-Avukati Adrienne Agius u Adrian Delia u aktar tard mill-Avv Charisse Ellul.

It-Tribunal zamm hdax (11) il-seduta.

Dikjarazzjoni tal-kaz

L-appellant jghid illi kien ilu impjegat ma' l-intimati fuq kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit mit-23 ta' Marzu 1993, liema kuntratt kien ghal tliet snin, estiz ghal perjodi ohra, fit-23 ta' Marzu 1996, fl-20 ta' Settembru 1996, fis-6 ta' Frar 1998 u fit-2 ta' Jannar 2002. Illi kien ilu f'impieg kontinwu ghal aktar minn erba' snin. Ir-rikorrent kien hadem fil-*Communications Unit.* Ai termini ta' l-Art. 7 ta' l-AL 429 ta' l-2002, ghalhekk, dan l-impieg ghandu jitqies bhala wiehed ghal zmien indefinit.

B'ittra ta' l-10 ta' Lulju 2003, l-impieg tar-rikorrent gie mitmum sommarjament.

Illi r-raguni ghat-tkeccija skond l-intimati kienet illi r-rikorrent naqas milli jaghti spjegazzjoni preciza u ddettaljata tal-infieq maghmul minnu (u rimborzat lilu mill-intimati) f’xiri ta' gazzetti.

Illi rrizulta illi l-ammont in kwistjoni kien ta' Lm18.25 (skond ma fehem l-esponent) liema somma giet imhallsa mill-esponent (u rimborzata lilu) f’diversi somom ferm icken waqt xiri ta' gazzetti fuq medda ta’ diversi xhur u r-rikorrent kien qed jigi mitlub jaghti spjegazzjoni immedjata dwar tranzazzjonijiet li saru zmien qabel u li huma fost l-aktar tranzazzjonijiet insinifikanti (xiri ta' gazzetti) li jaghmel bnediem.

Illi l-agir ta' l-intimati ma tistax titqies ragjonevoli u t-tkeccija ghalhekk mhix skond il-ligi.

Is-socjeta appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi Joseph Mercieca kien impjegat mal-Water Services Corporation in forza ta' kuntratt ta' impjieg definit datat 2 ta' Jannar 2002. Kien jokkupa l-kariga ta’ Head Public Relations.

Illi fir-rigward l-allegazzzjoni ta' Mercieca illi ai termini tal-artikolu 7 tal-Avviz Legali numru 429 tal-2002, il-kuntratt ta' impjieg tieghu ghandu jitqies bhala wiehed indefinit, l-esponent jirribatti bil-qawwa kollha l-istess pretensjonijiet stante illi bl-ebda mod ma jista' jinghad illi dan it-Tribunal ghandu l-gurisdizzjoni biex jisma' il-kaz odjern. Stante illi l-ligi hawn fuq citata hija ambigwa in kwantu illi ma tiddikjarax f’liema kazijiet ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq imsemmija, minflok ir-rikors odjern, l-appellant imissu intavola kawza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-ewwel u qabel xejn jigi dikjarat jekk l-impieg tieghu kienx wiehed definit jew jekk ai termini tal-imsemmi Artikolu ammontax ghall-impieg ghal-perjodu indefinit, kif allegat minnu stess. L-appellant ma jista' qatt jasal ghall-konkluzjonijiet u interpretazzjonijiet tieghu li l-

kuntratt tieghu kien indefinit meta lanqas il-ligi stess ma taghti lok ghal tali interpretazzjoni, u dan stante illi huwa kompitu tal-Prim Awla sabiex jiddetermina kwistjonijiet simili u ghaldaqstant qabel dan it-Tribunal ma jista' jkollu il-gurisdizzjoni ghandha ssir dikjarazzzjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Civili illi fil-fatt il-kuntratt jammonta ghal kuntratt indefinit.

Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess, dato ma non concesso, jekk l-argument hawn fuq imsemmi ma jigix milquh minn dan l-Onorabbli Tribunal, jigi sottomess illi in ogni kaz xorta id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-AL 429 tal-2002 m'ghandhomx japplikaw fil-kaz odjern, stante illi l-Avv Legali gie in vigore biss f'Dicembru 2002, filwaqt li l-kuntratt ta' impjieg bejn l-istess Mercieca u l-Water Services Corporation gie ffirmat f' data precedenti u cioe' f'Jannar 2002. F'dan ir-rigward, huwa fatt risaput u accettat fil-ligi nostrali illi jekk fil-ligi stess ma jigix dikjarat il-kuntrarju, dik il-ligi m'ghandhiex tigi applikata retroattivament, u ghaldaqstant, fil-kaz odjern, stante illi l-impieg beda qabel ma giet in vigore il-ligi hawn fuq imsemmija, id-disposizzjonijiet taghha, inkluz l-Artiklu hawn fuq imsemmi, ma jistghux japplikaw fil-konfront tal-istess impieg.

Illi fir-rigward il-fatti tal-kaz, jigi dikjarat illi stante illi kien hemm diskrepanzi fir-rigward ir-rimbors maghmul lil Mercieca ghall-hlas ta' gazzetti lokali tal-weekend l-istess Mercieca gie mitlub diversi drabi sabiex jaghti spjegazzjoni ghal tali diskrepanza. Il-kariga tal-appellant bhala Head Public Relations timporta fiha nnifisha certu ammont ta' responsabbilta u s-socjeta appellata ghandha jkollha l-fiducja shiha tal-persuni kollha li jokkupaw kariga simili. Nonostante il-fatt l-appellant gie mistoqsi diversi drabi sabiex jaghti informazzjoni u taghrif dwar id-diskrepanzi hawn fuq imsemmija, l-istess appellant baqa' inadempjenti u bl-ebda mod ma gharaf ir-

responsabilitajiet tieghu. Minflok ma ta l-ispjegazzjoni minnu rikjesta, l-appellant ipprova jiggustifika u jsib skuzi ingustifikabbli ghall-agir u l-komportament irresponsabbli u naccettabbli tieghu.

Provi

Fit-tieni seduta li nzammet it-Tnejn 26 ta' Lulju 2004 il-legali tas-socjeta pprezenta s-segwenti dokumenti;

Dok WSC1 - Amendment 01/03 14th April 2003 to Contract of Service 02 January 2002 Mr Joseph Mercieca (ID 423250 M) (hames pagni), Annex A (erba’ pagni), Annex B (erba’ pagni), Annex C (zewg pagni).
Dok WSC2 - Performance Agreement dated 31st December 2001 - Superceded 2nd January 2002 (erba' pagni), Annex A (erba' pagni), Annex B (erba' pagni), Annex C (zewg pagni).
Dok WSC3 - Performance Agreement dated 6th February 1998 (tliet pagni), Appendix A (hames pagni), Appendix B (tliet pagni), Appendix C, Appendix D (erba' pagni)
Dok WSC4 - Renewal Contract dated 4th February 1998
Nota konfidenzjali datata l-20 ta' Settembru 1996
Nota konfidenzjali datata l-20 ta' Settembru 1996
Memo datat is-16 ta' Settembru 1996
Ittra datata l-20 ta' Marzu 1996.
Dok WSC5 - Employment Contract datat it-30 ta' Novembru 1994 (erba' pagni)
Dok WSC6 - Responsibilities, Accountability, objectives and functions of the senior public relations/customer care officer - Appendix A (zewg pagni)
Performance Review Procedure - Appendix B (tliet pagni)
Performance Pay and other benefits - Appendix C (JM)
Conditions of Service - Appendix D (erba' pagni)

Ic-Chairman qara d-Decizjoni Preliminari Nru 1528.

Fl-1 ta' Novembru 2004 l-Avv Adrienne Agius informa lit-Tribunal li l-korporazzjoni appellat mid-decizjoni preliminarja tat-Tribunal u pprezenta kopja tar-rikors ta' dan l-appell.

Fid-9 ta' Ottubru 2006 xehed is-Sur Anthony Rizzo CEO ta' l-Enemalta u esebixxa dokument tal-Job Description konsistenti f'erba' pagni u gie immarkat bhala Dok AR1.

Ix-xhud qal illi kien Chief Executive Officer tas-Servizzi tal-Koperazzjoni tal-llma mill-2001 sas-16 ta' Jannar 2006. Qal illi l-appellant hadem mas-socjeta appellata mit-23 ta' Marzu 1993 b'kuntratt ta' tliet snin u baqa' jiggedded minn sena ghal ohra. Kien Public Relations Officer tal-Koperazzjoni ghas-Servizzi ta' l-llma. Kellu titoli daqxejn varjati Senior Public Relations, Customer Care Officer. Imbidel minn zmien ghal zmien sakemm kien qed jaghmilha ta' Public Relations Officer. Ix-xhud spiega x'kien mehtieg mill-appuntamenti li kellu ma tul iz-zmien.

Ix-xhud qal illi l-problema bdiet b'incident partikulari meta s-Sur Mercieca ipprezenta xi ricevuti tal-gazzetti biex jigu reimbursed minn naha tal-Korporazzjoni. Illi meta bdew jivverifikaw l-ammonti li gew mitluba mis-Sur Mercieca fir-realta mal-gazzetti lokali li jkun xtara matul it-weekend sabu li kien hemm xi diskrepanzi. Dan kien ghal gazzetti tas-Sibt u l-Hadd peress illi kien ovvjament meta matul il-gimgha kien jehodhom minn naha tal-Korporazzjoni. Gara illi meta ghamlu l-ammonti ma qablux jigifieri l-ircevuti li pprezenta ma qablux mal-gazzetti li suppost inxtraw matul il-weekend.

Mistoqsi mic-Chairman ghal kemm zmien kienet din id-diskrepanza, ix-xhud qal,"per *ezempju minn Jannar tal-2003 sa April 2003, jigifieri hemm hekk kien hemm diskrepanza issa mbaghad bdejna infittxu iktar"* Ix-xhud qal illi ghalieh mhux l-ammont huwa l-fiducja. L-ammont in kwestjoni ghal ewwel erba' xhur kien ta' Lm19.62c u barra li ghamlu rendikont minn Jannar *sa* Dicembru 2002 kien hemm Lm57.11c differenza l-ammont claimed kien Lm122.59c li d-differenza kienet ta' Lm 57.11c.

Fuq mistoqsija ta' membru tal-Board jekk l-ammont tal-appellant kienx sapportjat minn receipts attwali tal-hanut, ix-xhud irrisponda, "*Iva dazgur"* mistoqsi jekk huma tkellmux ma' tal-hanut ix-xhud qal, "*ahna tkellimna mas-Sur Mercieca mhux ma' tal-hanut"*

Ix-xhud qal illi ghamlu meeting biex jispiegalhom id-diskrepanza u l-appellant qal li kienet wahda gazzetta Ingliza, ma tghaniex spjegazzjoni x'kienu dawn l-ammonti ta' diskrepanza. Kien hemm meeting fil-prezenza ta' l-Avukat tieghu u l-Avukat tas-socjeta appellata fejn ma ta l-ebda spiegazzjoni illi tghidlek illi mela dan l-ammont ghax xtara gazzetta regolari ghal dan l-ammont. Ma kien hemm l-ebda risposta valida li setghu jikkonsidraw.

Fuq domanda ta' membru tal-panel is-Sur Mallia jekk id-dismissal sar on the basis of disputed Lm80 or less, ix-xhud qal illi bhala persuna tilef il-fiducja (loss of trust).

Ix-xhud spiega illi kellhom press conference u kienu ordnati certu ammont ta' flexken ta' l-inbid. Ghal press conference kienu il-Management team biss ghax il-press kellhom xi haga ohra. Kien avza lill-Manager li kien is-Sur Portelli biex jghidlu fejn kienu dawk il-flixken ta' l-inbid. Qal illi il-Manager gie lura u qallu li kien kellem lis-Sur Mercieca fejn

qallu li kienu miftuhin u allura hadhom ghal uzu tieghu.

Fil-kontro-ezami, il-legali ta' l-appellant staqsa lix-xhud jekk hu qatt ikkonfrontah. Ix-xhud qal illi kkonfrontah il-Manager is-Sur Paul Portelli.

Il-legali tal-appellant staqsa lix-xhud dwar il-performance bonus li ha fiz-zmien kollu sakemm spicca mill-impieg l-appellant. Irrisponda illi kien inghata performance bonus minn 1999 sa 2002 ta' 5% u fis-sena 2003 kien inghata ittra datata 1 ta' April 2003 li kienet tghid hekk, "Bonus of *7%. We are pleased to inform you that you have been awarded a performance bonus of 7% of your basic wage for the period 1st.January 2002 to 31st December 2002. Your personal performance has been rated as commendable. A copy of your personal performance appraisal is attached for your perusal. We thank you for your efforts etc."*

Xhud l-appellant kelllu l-pozizzjoni tieghu sa kemm gie terminat il-kuntratt kienet ta’ Head Public Relations. Qal illi fid-29 ta' April 2003 fit-8.30 am kien baghat ghalieh il-Manager Communications is-Sur Paul Portelli u staqsieh biex jispiega fuq tliet ircevuti li hu kien ipprezentalu fuq reimbursement ta’ gazzetti tal-weekend. Huwa kellu r-responsabilta biex fil-weekend jixtri l-gazzetti u jara x-inhi s-sitwazzjoni biex ikun jista' jiehu azzjoni immedjata. Fil-5 ta' Mejju is-Sur Paul Portelli kien tah struzzjonijiet biex minn dak il-hin ma jibqax jixtri l-gazzeti tal-weekend. Fis-7 ta' Mejju kien baghat ghalieh Is-CEO Anthony Rizzo fil-prezenza ta' Paul Portelli fejn gie ikkonfrontat illi bid-dokumenti li kien ipprezenta jindikaw li kien ikkommetta fraud billi iddifrauda lill-WSC bl-ammont ta' bejn Lm18 u Lm25 illi r-receipts kienu over the cost price tal-prezz tal-gazzetti tal-weekend. Minn dak il-hin gie ordnat biex imur on leave sad-9 ta' Mejju u qallu wkoll li dan il-kaz iwassal ghal dismissal.

Fid-9 ta' Mejju kellu appuntament biex flimkien mal-avukat tieghu Dr Stephen Thake imur ghand is-CEO fejn kien hemm ukoll l-avukat Adrian Delia u s-Sur Portelli. Il-kaz hu illi il-claim tieghu ghar-reimbursement bejn Settembru 2002 sa April 2003 illi kien overcharge lill-WSC bi Lm18.25c f’perjodu minn sena sa sena.

L-Appellant sostna li ndikawlu Lm18.25c meta tawh dokumentazzjoni differenti minn dak li tah jumejn qabel meta kien qallu biex iffittex avukat. Iz-zmien li ndikaw kien mis-sena 2000 sat 2002 mhux kif kienu qalulu qabel. Qal illi l-ispreadsheet kien hemm nieqes il-weekends. Talabhom kopja tal-ispreadsheet u rrifjutaw li jghatuh. Mill-ewwel ghamel l-osservazzjonijiet tieghu sew lil-avukat tal-WSC u kemm lis-CEO kif ukoll lil Paul Portelli. Fl-10 ta’ Lulju 2003 infurmawh bit-terminazzjoni tal-kuntratt.

Fuq mistoqsija mill-legali tal-appellant jekk qabel ma tkecca kellux xi haga fil-process dixxiplinarju tieghu, l-appellant qal illi ma kellu qatt xejn hlief dan il-kaz ta' Lm18.25c. L-appellant fix-xhieda tieghu ghamel spiega dettaljata ta' dak kollu li kien responsabbli ghalieh ghax deherlu illi ic-Chief Executive fix-xhiedu tieghu qal li x-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-qari tal-gazzetti u jaghmel replies fil-gazzetti, issues li jirrigwardjaw dettaljatament id-doveri li kellu minn meta beda fis-servizz tal-WSC minn 1993 sa 2003.

Kunsiderazzjonijiet

Is-socjeta appellata ghamlet il-kaz taghha dwar it-tkeccija mill-impieg tal-appellant bazikament fuq zewg punti. L-ewwel illi l-impieg tal-appellant kien definit u t-tieni punt illi kellu diskrepanzi fir-rigward ir-rimbors maghmul lil Mercieca ghal-hlas ta' gazzetti lokali tal-weekend.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant gie mitlub diversi drabi sabiex jaghti spjegazzjoni ghal tali diskrepanza. Tghid illi l-appellant gie mistoqsi diversi drabi sabiex jaghti informazzjoni u taghrif dwar id-diskrepanzi. L-appellant baqa inadempjenti u bl-ebda mod ma gharaf ir-responsabiltajiet tieghu. Is-socjeta appellata itterminat l-impieg tieghu permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju 2003.

L-appellant jghid fir-Rikors tieghu illi l-impieg tieghu ghandu jitqies bhala wiehed ghal zmien indefinit. Ir-raguni ghat-tkeccija skond l-intimati kienet illi r-rikorrent naqas milli jghati spiegazzjoni preciz u dettaljata tal-infieq maghmul minnu f'xiri ta' gazzetti. L-ammont in kwistjoni jirrizulta li kien ta' Lm18.25c.

Illi l-agir ta' l-intimati ma tistax titqies ragonevoli u t-tkeccija tieghu ghalhekk mhix skond il-ligi.

Matul is-smiegh tal-kaz is-socjeta appellata permezz tax-xhud is-Sur Anthony Rizzo CEO tal-Water Services Corporation spiega kif irrizulta dan il-kaz dwar xiri tal-gazzetti lokali tal-weekend. Oltre mill-kaz tax-xiri tal-gazzetti is-Sur Anthony Rizzo semma kazijiet ohra dwar fliexken tal-imbid li ma intuzawx waqt press conference u wkoll kuntratti ta' buses. Qal illi s-socjeta appellata ghalhekk ma baqaliex fiducja fl-appellant.

Ghandu jigi nnotat illi l-kaz imressaq quddiem it-Tribunal kien dwar ix-xiri tal-gazzetta lokali tal-weekend. Kull kaz iehor li ssemma mis-Sur Rizzo fix-xhieda tieghu huwa rrelevanti u ma ghandux konnessjoni mal-kaz kif imressaq.

L-appellant jghid illi matul iz-zmien illi kien qed jigi nterrogat dwar l-allegazzjonijiet imresqa mis-socjeta appellata ma inghatax il-fakulta kollha necessarja fis-sitwazzjoni biex ikun jista' jaghmel id-difiza tieghu sewwa. Tant illi meta kien iffaccjat

bi spreadsheet dwar id-dettalji tax-xiri tal-gazzetti huwa kien talab fil-prezenza tal-avukat tieghu biex jinghata kopja ta' l-imsemmija spreadsheet, izda s-socjeta appellata rrifjutat li tghatih kopja fejn b'dan in-nuqqas l-appellant jghid illi mhux biss ma kellux facilita jivverifika dak li gie akkuzat bih tant illi gie kkundanat minghajr ma nghata l-fakulta necessarja li jiddefendi l-kaz migjub kontrieh.

Iffacjat b'din is-sitwazzjoni l-appellant inghata performance bonus minn 1999 sa 2002 ta' 5% u fis-sena 2003 kien inghata ittra datata 1 ta' April 2003 li kienet tghid hekk, *"Bonus of 7%. We are pleased to inform you that you have been awarded a performance bonus of 7% of your basic wage for the period 1st January 2002 to 31st December 2002. Your personal performance has been rated as commendable. A copy of your personal performance appraisal is attached for your perusal. We thank you for your efforts etc."*

Jirrizulta illi ghaz-zmien kollu illi l-appellanti dam impjegat mas-socjeta appellata qatt ma kellu ebda rimarka fil-process dixxiplinarju tieghu hlief ghal dan il-kaz in kwistjoni.

Mill-ezami ta’ dan il-kaz kif ukoll mill-provi mressqa mhux konsiderat illi kien hemm ragunijiet sufficjenti li l-appellant jitkecca mill-impjieg tieghu.

Decizjoni

It-Tribunal Industrijali ra l-istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esebiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta’ l-appellant mill-impjieg tieghu mas-socjeta` intimata ma kienetx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

> Ghandu ghalhekk jinghata kumpens fis-somma ta' wiehed u erbghin elf, sitt mija u sitta u disghin Euros (Euros 41,696).
>
> Dan il-kumpens ghandu jithallas mhux inqas minn sitt gimghat zmien mid-data tad-decizjoni.
>
> Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Euro 93 kull wiehed.
>
> B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Minn dawn is-sentenzi appellat il-Korporazzjoni intimata b'dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Fil-konfront tas-sentenza tas-26 ta' Lulju, 2004 it-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni jiddeciedi l-kwestjoni jekk l-impjieg ta' l-appellat kienx wiehed taht kuntratt definit jew indefinit;

(2) It-Tribunal wasal ghad-decizjoni tat-22 ta' Settembru, 2008 fuq interpretazzjoni zbaljata ta' dak li l-ligi ssemmi bhala "raguni tajba u sufficjenti" ghal skop ta' licenzjament;

(3) Iz-zewg sentenzi appellati ma humiex motivati;

(4) Id-decizjoni tat-22 ta' Settembru, 2008 hi nulla u tivvjola d-drittijiet fundamentali in kwantu ma taghti ebda spjegazzjoni ta' kif it-Tribunal wasal ghal-likwidazzjoni tal-kwantum tad-danni;

Taht l-ewwel kap ta' aggravju l-Korporazzjoni appellanti tissottometti b'raguni illi d-determinazzjoni tal-kwestjoni dwar l-applikabilita` o meno ta' l-Avviz Legali 429 ta' l-2002 kienet tispetta lill-Qorti ordinarja u mhux lit-Tribunal. F'kull kaz, tissottometti inoltre illi l-Artikolu 7 tal-precitat Avviz Legali ma kienx japplika ghal kaz prezenti billi dan dahal in vigore f'Dicembru 2002 mentri l-kuntratt ta'

impjieg ta’ l-appellat mal-Korporazzjoni gie ffirmat f’Jannar, 2002;

Fuq il-punt tal-gurisdizzjoni mqanqal mill-Korporazzjoni appellanti huma tnejn il-konsiderazzjonijiet li jimmilitaw kontra t-tezi taghha, u cjoe:-

(1) L-ewwelnett, fl-istat attwali tal-ligi – l-Att ta’ l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) – il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, kif jemergi mill-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 75 ta’ l-Att, twessghet konsiderevolment fuq dik li kienet fl-Att precedenti taht il-Kapitolu 266. Fir-rigward il-Qorti tissenjala l-konsiderazzjonijiet minnha zvolti fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Frar, 2005 fl-ismijiet “**Rita Nehls -vs- Sterling Travel and Tourism Limited**”;

(2) Ankorke dan ma kienx hekk, kif ritenut mill-Qrati taghna in rigward ta’ tribunali ohra, it-Tribunal Industrijali xorta wahda kien hekk kompetenti li jiddeciedi anke kwestjonijiet legali li d-decizjoni taghhom tkun necessarja ghad-definizzjoni finali fuq l-oggett tal-kawza. Mhux biss ir-regoli procedurali u l-principji fundamentali tar-rit jippermettu dan izda, kif osservat, fl-ebda okkazjoni l-Qrati taghna ma rrikonoxxew il-fakolta ta’ dak it-Tribunal specjali ji jissoprassjedi f’kaz ta’ interpretazzjoni ta’ xi disposizzjoni partikolari tal-ligi. B’illustrazzjoni, dan sija jekk kien jitratta mill-Bord li Jirregola l-Kera (ara sentenza fl-ismijiet “**Remig Farrugia -vs- Vincent Curmi**”, Appell, 8 ta’ Lulju, 1981) sija fil-kaz tal-Bord tal-Kummissarji Specjali taht il-ligi tal-Income Tax (ara “**Avv. Dr. Victor Ragonesi *nomine* -vs- Cecil Baker *nomine***”, Appell Civili, 5 ta’ Ottbru 1979). Anke minn din il-gurisprudenza t-Tribunal adit ma kienx prekluz milli fil-kompetenza tieghu jiddetermina u jiddeciedi l-punt ta’ dritt ventilat quddiemu in bazi ghad-disposizzjonijiet rilevanti taht l-Avviz Legali 429 ta’ l-2002;

Dan iwassal ghat-tieni punt sottomess bl-ewwel aggravju. Jigifieri dak ta’ l-applikabilita` o meno tar-regolamenti ghal

kaz konkret taht l-Avviz Legali appena riferenzjat. Din il-kwestjoni diga giet ezaminata minn din il-Qorti f'decizjonijiet anterjuri taghha. Hekk inghad minnha fil-kaz fl-ismijiet "**John Caruana -vs- Grand Hotel Mercure Selmun Palace**", 20 ta' April, 2006, u dan b'riferiment ghall-applikabilita` tar-Regolament 7 ta' l-Avviz Legali *de qua,* illi "m'hemmx dubju illi sakemm ma giex dispost xort' ohra dak ir-regolament dahal in vigore b' mod immedjat mal-pubblikazzjoni ta' l-Avviz Legali. Jigi notat illi minn imkien ma jinghad fl-istess Avviz Legali illi l-*potesta*` ta' dan ir-Regolament ma kellux jolqot ukoll il-kuntratti ta' impjieg ghal zmien fiss li kienu operattivi fil-mument tad-dhul fis-sehh tieghu, jew li tali kuntratti successivi qabel l-1 ta' Jannar 2003 ma kellhomx jitqiesu ghal finijiet ta' komputa ta' erba' snin, kif hekk specifikament hu provvdut, ad ezempju fir-Regolamenti tal-ligi Ingliza ta' l-1 ta' Ottubru 2002 citati mill-appellant, jew kif jidher li hu l-kaz f'dawk tal-ligi Taljana korrispondenti (Nru. 368 ta' l-2001). Fis-skiet ta' l-Avviz Legali il-gudikant irid jigbed il-konkluzjoni tieghu dwar l-applikazzjoni tat-testi legislattivi godda introdotti u tal-kwestjoni interpretativa dwarhom ghal kaz in ispecje". F'sens konsimili regghet irritenit din l-istess Qorti fis-sentenza posterjuri taghha, ghal din citata, fl-ismijiet "**Jason Muscat -vs- St. Edward's College**", 14 ta' Dicembru, 2006. Mhux allura l-kaz li issa din il-Qorti tinoltra ruhha oltre r-rikjami minnha maghmula ghal dawk id-decizjonijiet l-ohra taghha u ghar-riflessjonijiet maghmula fihom. Anzi, taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghal punt sollevat mill-Korporazzjoni appellanti f'dan il-kaz. L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jigi rigettat;

Fuq it-tieni motiv ta' aggravju din il-Qorti qeghda, qabel xejn, tirriproduci din is-silta mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri tad-9 ta' Mejju 1997 in re: "**William Saliba -vs- Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine***:-

"Ghandu jkun car li l-interpretazzjoni gusta ta' din il-frazi ("jibghat il-barra fit-test ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att) tithalla f'idejn il-gudikant li ghandu jasal ghal tifsira

oggettiva u ragonevoli ta’ dak li wiehed jistenna li l-bniedem komuni jifhem b’dan it-terminu. Interpretazzjoni din li certament ma ghandhiex tithalla f’idejn l-arbitriju jew il-kapricc tal-principal jew l-impjegat imma li ghandha – fejn ma hemmx qbil – tigi gudizzjarjament determinata”;

Ugwalment, u forsi wkoll, b’aktar qawwa rafforzata, dan jghodd ukoll fil-kaz ta’ l-espressjoni “<u>raguni tajba u bizzejjed</u>” marbuta ma’ dik tal-frazi “jibghat il-barra”, appena rivizitata. Innegabilment, il-kuncett tal-kawza gusta u sufficjenti li ggib ir-rizoluzzjoni tar-rapport ta’ impjieg ghandu, b’necessita logika u guridika, jigi ezaminat fl-isfond tal-fatti maghrufa u jekk dawn humiex ta’ tali intensita` u gravita li ghandhom jitraducu ruhhom f’dak tan-nuqqas ta’ fiducja kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport ta’ impjieg. Naturalment kull kaz irid jigi konsiderat fuq l-istregwa tal-fattezzi specifici tieghu. L-importanti hu li l-valutazzjoni okkorrenti ma ghandhiex issir b’riferiment ghall-fatti astrattament konsiderati imma, pjuttost, ghall-aspetti konkreti, skond in-natura tar-rapport ta’ impjieg, il-posizzjoni tal-partijiet, il-portata soggettiva tal-fatt innifsu u tac-cirkostanzi li taw lok ghalih, il-motivi, l-ezistenza ta’ xi element intenzjonali jew kolpuz u dik tal-grad tieghu, u in generali kull aspett iehor korrelatat mar-rapport. Barra minn dan jokkorri li jigi evalwat minn naha l-wahda l-gravita tal-fatt addebitat lill-impjegat u, minn naha l-ohra, il-proporzjonalita` bejn l-istess fatt u s-sanzjoni dixxiplinarja inflitta;

L-ezercizzju valutativ li sar mit-Tribunal fil-mertu ma jidherx, fil-fehma tal-Qorti, u fuq l-apprezzament taghha tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, illi kellu jattira c-censura tal-Korporazzjoni appellanti. Jekk l-appellat naqas milli joffri spjegazzjoni plawsibbli, jew skond il-pretiza tal-Korporazzjoni appellanti, fuq il-kwestjoni tad-diskrepanza fin-nefqa tal-gurnali, tali, u dan apparti n-nuqqas ta’ opportunita` adegwata biex l-appellat jforni dik l-ispjegazzjoni, ma kellhiex titqies li hekk tincidi b’mod gravi fuq ir-rapport fiducjarju u dak tal-“*commendable performance*” attribwit mill-Koprorazzjoni lill-appellat.

F'kull kaz, imbaghad, tonqos ghal kollox ir-raguni sufficjenti u dik tal-proporzjonalita` bejn il-fatt kostitwit minn dik id-diskrepanza, oggettivament minimali, u d-decizjoni mehuda tal-licenzjament. Pjuttost, mill-atteggjament adottat mill-Korporazzjoni fil-kaz konkret hi l-impressjoni ta' din il-Qorti illi l-Korporazzjoni riedet issib tibna ma' x'hiex taqbad biex tittermina l-impjieg ta' l-appellat. Dan, ghal din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, mhux accettabbli u lanqas legittimu. It-tieni aggravju qieghed, ghaldaqstant jigi skartat;

It-tielet u r-raba' motivi ta' aggravju jitrattaw minn ilmenti ta' motivazzjoni inadegwata jew ta' l-assenza taghha. Fuq din il-materja l-Qorti kif presjeduta kkommentat bosta drabi. Senjatament, in linea ta' principju generali illi:-

(1) *In primis* li l-motivazzjoni f'sentenza hi ta' essenza tal-gudizzju in kwantu rapprezentativa ta' dik id-dikjarazzjoni formali li biha l-gudikant jattesta illi jissussistu elementi ta' fatt jew ta' dritt biex jiggustifikaw il-konvinciment tieghu;

(2) Mhux necessarju li l-motivazzjoni tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni;

(3) Fl-adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni il-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu;

Premess dan, il-kritika tal-Korporazzjoni appellanti fil-konfront tas-sentenza preliminari tas-26 ta' Lulju, 2004 mhix ghal kollox barra minn lokha. Dik is-sentenza setghet,u messha wkoll, kienet aktar approfondita, anke jekk mhux dettaljata. Ghallanqas, approssimattiva ghal mod kif minn din il-Qorti issa determinat f'din id-decizjoni taghha. Kollox ma' kollox pero`, avolja skarna minn

konsiderazzjonijiet elaborati ta’ dritt fuq il-punt imqanqal, din il-Qorti ma thossx li tista’ tordna l-kaducita` taghha, anke ghaliex ma jidherx li din b’xi mod impediet jew fixklet lill-Korporazzjoni appellanti milli tirrileva minnha r-ragonament centrali tat-Tribunal f’dik id-decizjoni tieghu u li fuqu hi, imbaghad, sejset l-ewwel obbjezzjoni taghha bl-appell;

Purament in mertu ghall-ahhar aggravju, imbaghad, din il-Qorti gja kellha okkazjoni tirritjeni illi, anke jekk desiderabbli, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jinoltra ruhu f’argomentazzjoni eleborata ta’ kif ikun wasal ghal likwidazzjoni tal-kumpens. Ara, ad ezempju, “**Alison Fiorentino -vs- Dragonara Casino Limited**”, 19 ta’ Ottubru, 2005. Issokta mill-istess Qorti jigi kkumentat f’sentenza ohra ta’ l-istess data fl-ismijiet “**Saviour Sammut -vs- Autosales Limited**” illi: “fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452 il-ligi tipprovdi indikaturi ta’ dak li t-Tribunal kellu jiehu in konsiderazzjoni fil-fissazjoni tal-kumpens imma imbaghad thalli f’ idejn l-istess Tribunal li hekk jillikwida u jiddetermina l-istess kumpens. Kemm kellu jkun dan il-kumpens mhux sindakabbli minn din il-Qorti, una volta li t-Tribunal ikun deherlu li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu. Huwa veru li tali likwidazzjoni tista’ forsi titqies *a prima vista* esagerata izda b’ daqshekk ma jfisserx illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi, u li, del resto, ma jidherx li huma ghal kollox ezawrjenti. Kollox ma’ kollox, imbaghad, ma jidherx li t-Tribunal ezercita l-poter diskrezzjonali tieghu fl-iffissar ta’ dan il-kumpens b’ mod manifestament inekwu u sproporzjonat.” Ugwalment, dan jista’ jinghad fil-kaz in ispecje anke ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghalxiex tiddubita illi t-Tribunal, anke jekk *per impliciter*, ha in konsiderazzjoni, oltra l-indikaturi espressi mid-dispost tal-ligi fl-Artikolu 81 (2) (a), il-fatti pekuljari rizultanti mil-istruttorja tal-kaz quddiemu u ghalhekk, oltre li qies id-danni reali subiti huwa issuplimentahom b’dawk id-danni kompensatorji abbinati ghal dawk “ic-cirkustanzi l-ohra” li jippreciza l-istess artikolu predett. Anke dawn l-ahhar zewg aggravji qeghdin jitqiesu infondati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell lilha sottomess bl-erba' motivi ta' aggravji u, konsegwentement, tikkonferma z-zewg sentenzi tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------